



# Aħbar Tajba

Ġen 22, 1-2.9-13.15-18
S 115, 10.15-19
Rum 8, 31b-34
Mk 9, 2-10

Imbagħad ġiet sħaba u għattiethom, u minn ġos-sħaba nstama' leħen jgħid:
**"Dan hu Ibni l-għażiż, isimgħu lilu."**

Tħobbu tilagħbu *board games*? Żgur tafu bil-logħob *Monopoly* jew *Risk*, *Chess* jew *Trivial Pursuit*. Logħba oħra famuża hija *The Game of Life*. Bħala logħba giet introdotta fl 1860 fl- Amerika qisu xi 150 sena ilu!

Bħala logħba tintlagħab bħall-ħajja vera. Fil-bidu tal-logħba, kull min qed jilgħab, irid jagħżel x'tip ta' ħajja ser ikollu, jiġifieri jiddeċiedi jekk hux se jkompli jistudja jew ma jkomplix skola biex imur jaħdem. Hekk kif tkompli l-logħba kull membru jrid jimxi fuq *board* skont id-damma u, skont fejn tieqaf, trid tobdi xi struzzjonijiet. Hemm kaxex jgħidulek x'direzzjoni trid taqbad u hemm kaxex jgħidulek biex tagħżel id-direzzjoni li tixtieq. Fl-aħħar tal-logħba, ir-rebbieħ ikun dak li jkun ġemma' l-aktar flus. Imma jekk għal-logħba dan hu l-akbar premju, fil-ħajja vera dan mhux il-każ! Taħsbu intom li l-aktar nies kuntenti huma dawk li għamlu l-aktar flus? Tahsbu li Ġesù jippremja lil min jirnexxilu jaqla' l-aktar flus?

Illum fil-qari Ġesù qed jgħid lid-dixxipli tiegħu: "Min irid jimxi warajja, irid jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu kuljum u jimxi warajja." Imbagħad ikompli: "Min irid isalva ħajtu jitlifha u min irid jitlef ħajtu minħabba fija, isalvaha." Ġesù fl-aħħar jistaqsina: "X'jiswa li takkwista l-ġid kollu tad-dinja u mbagħad titlef ħajtek?"

Hawn nies li f'ħajjithom l-aktar ħaġa importanti hi li jakkwistaw... dar kbira u sabiħa u oħra viċin il-baħar għas-sajf, karozza isbaħ mill-oħra, ħwejjeġ tal-aħħar moda, dgħajsa lussuża, ħbieb popolari, insomma l-lista twila.

Imma hawn nies oħra li l-aktar ħaġa importanti f'ħajjithom hi li jimxu wara Ġesù u jaqdu lill-oħrajn billi jgħinu lil min hu fil-bżonn u kull fejn ikunu jagħmlu l-ġid. Ġesù illum qed iwegħedna li huma dawn in-nies li ser jirbħu l-logħba vera tal-ħajja u l-premju veru hu l-ħajja ta' dejjem.

Ġesù mhux qed iwiegħed li l-ħajja ser tkun faċli jew inkella dejjem se naraw affarijiet sbieħ. Kultant se jiġu mumenti diffiċli, slaleb, imma wara kollox nafu li biex takkwista xi ħaġa ta' valur trid taħdem ħafna għaliha. Mill-banda l-oħra, ma naqtgħux qalbna, għax hu jwegħedna li se jkun magħna f'kull pass li nagħmlu. U jekk ikollna lil Ġesù magħna, l-ebda diffikultà mhi se tirbħilna; għax min hu iktar qawwi minn Ġesù? Int x'taħseb dwar dan kollu? Tixtieq tirbaħha l-logħba vera tal-ħajja?

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**

ELIJA, MOSÈ, MUNTANJA, DIJA, TINED, SĦABA, ĠAKBU, PIETRU, ĠWANNI, LEĦEN

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| M | U | N | T | A | N | J | R | I | O |
| T | I | N | D | A | W | E | Ġ | N | M |
| P | IE | T | R | U | A | Ħ | A | R | U |
| B | I | S | S | E | Ħ | T | K | Ì | N |
| Ġ | N | E | S | L | D | I | B | A | T |
| W | A | B | T | I | A | E | U | K | A |
| A | T | D | I | J | A | N | U | R | N |
| N | A | E | N | A | M | O | S | È | J |
| N | N | L | E | L | U | È | N | A | A |
| I | J | K | D | I | N | T | Q | L | T |
| M | E | M | S | S | T | B | L | E | I |
| A | S | Ħ | A | B | A | I | E | Ħ | GĦ |
| D | N | A | E | T | N | D | D | E | A |
| N | A | Z | A | R | J | R | A | N | X |

Aghti l-kulur



## SAN POLIKARPU



San Polikarpu kien żagħżugħ meta ġie mgħammed minn San Ġwann l-Evanġelista u sar dixxiplu tiegħu madwar is-sena 80.

Meta kellu 37 sena, ġie kkonsagrat Isqof ta' Smirna minn San Ġwann stess, probabbilment qabel ma kien eżiljat f'Patmos, fis-sena 96.

Wieħed mill-avvenimenti kbar f'ħajtu kien li madwar is-sena 155, meta kellu iktar minn 96 sena, ftit qabel ma miet, mar Ruma biex f'isem il-Knisja tal-Lvant jiddiskuti mal-Papa San Aniċetu d-data tal-jum tal-festa tal-Għid il-Kbir, u ddeċidew li ż-żewġ Knejjes jiċċelebraw l-Għid għal rashom, skont l-użanzi rispettivi tagħhom.

Fil-persekuzzjoni ta' żmien l-Imperatur Antoninu, San Polikarpu kien miġjub quddiem Kwadratu li kien Prokonslu tal-Asja, u kkundannah għall-mewt billi jaħarquh.

Meta ġie mitlub biex jiċħad lil Ġesù, wieġeb: "Jien ili 86 sena li sirt nafu, ħabbejtu u servejtu, u Hu qatt ma naqasni. Kif nista' niċħdu issa!"

**Talba:** Mulej Alla li tista' kollox, Missier ta' Ġesù Kristu, Ibnek il-għażiż, li għarrafna min int, Alla tal-Anġli u tal-ħlejjaq kollha u tal-Qaddisin kollha li jgħixu quddiemek, imbierek Mulej, talli ħallejtni llum f'din is-siegħa nixrob mill-kalċi ta' Kristu Ibnek, biex bl-Ispirtu s-Santu nikseb il-qawmien tar-ruħ u l-ġisem għall-ħajja eterna.

Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.





**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**
**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola
YOUTHEME

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web






**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq
Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre
YOUTHEME FOUNDATION